# Il-Ħuttafa

numru 116

Mejju - Ġunju 2013



Mazzarell Sultan

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Aron Tanti



Bilbla
Short-toed Lark

editorjal



# Ħbieb Ħuttaf !

Għaliex jeżisti Klabb Ħuttaf? U għaliex nagħmlu minn kollox biex narawh jikber u jissaħħaħ?

It-tweġiba hi li n-natura għandha bżonn min jaqbeż għaliha. Biex isir dan irid ikollna żewġ affarijiet: li **nħobbu** n-natura u li **nifhmu** n-natura. U iktar ma jkollna daż-żewġ affarijiet kmieni, iktar aħjar. Fi Klabb Ħuttaf aħna dawn nippruvaw nagħmluhom it-tnejn.

Biex inħabbukom man-natura noħorġu dal-magażin u nagħmlu l-ħarġiet fil-kampanja. Meta niltaqgħu man-natura iktar insiru nħobbuha. U meta nsiru nħobbuha tibda taqbadna kurżità biex nitgħallmu dwarha.

X'jismu dal-farfett?
X'riħa għandha dik il-fjura?
Kif tibni l-għanqbuta l-brimba?
Fejn imorru ż-żrinġijiet fis-sajf?
Meta ħa jaslu l-pitirrossi?
Għaliex waqqgħet il-weraq dik is-siġra?

Li tkun kurjuż huwa tajjeb inkella ma titgħallimx. Membri li jkunu ilhom fi Klabb Ħuttaf tibda tagħrafhom minn tfal oħrajn għax in-natura jħarsu lejha iktar mill-viċin, u jsiru jifhmu fiha iktar. Diversi naturalisti li llum kibru jgħiduli li meta kienu żgħar kienu fil-Klabb!

Meta nitgħallmu fuq in-natura nibdew nindunaw ukoll kemm qiegħda fil-periklu. Nindunaw kemm għandha bżonn l-għajnuna tagħna. Naturalist ta' vera mhux biss ikun kurjuż u forsi espert tan-natura, imma jkun ukoll kavallier li jipprova jgħin lin-natura.

Għalhekk jeżisti Klabb Ħuttaf! U għalhekk aħna kburin bih u bikom. Mela araw li tibqgħu membri fil-BirdLife ħajjitkom kollha. In-natura għandha bżonnkom.

Nawguralkom vaganzi sbieħ, u attenti mix-xemx!

Victor

**Victor Falzon** l-Editur




Kif taqraw f'paġna 5, għandna prodott ġdid biex inħajru iktar tfal jidħlu membri, u anke biex intom stess tibqgħu membri fil-Klabb. Dan huwa *colouring book* speċjali li għamilnieh apposta għalhekk. Biex tiddubbaw kopja tridu ġġeddu jew

- mill-iskola
- mir-riservi tal-Għadira u s-Simar
- mill-uffiċċju tal-BirdLife
- waqt attività tal-BirdLife/Klabb.

Veru li r-riservi bħalissa magħluqin u l-iskejjel dalwaqt jagħlqu għas-sajf, **imma kellna ġenn biex ngħidulkom bih!**

Però tinkwetawx ta! L-iskola terġa' tiftaħ fil-ħarifa! U anke r-riservi!

## mal-faċċata



Il-**mazzarell sultan** (blue emperor) huwa l-ikbar mazzarell ta' Malta u huwa anke l-ikbar insett li għandna f'pajjiżna. Iħobb postijiet bl-ilma bħal vaski, għadajjar u ġwiebi. Jiekol l-iktar nemus, u l-mara (li tkun ħadra) tbid fl-ilma.

Ritratt ta' Victor Falzon

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Avviżi | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Il-Kaxkarin | 7 |
| Arti u Ritratti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Għajn Tuffieħa | 10 |


## il-Kumitati

### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Martin Austad (kap) • Anne Marie Austad • Nicholas Galea • Timothy Micallef

## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


©BirdLife Malta, Ġunju 2013
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Ġdid fjamant mil-Lvant

Victor Falzon

Kważi ma tgħaddix sena li ma nżidux xi għasfur ġdid mal-lista tal-għasafar Maltin. U dis-sena xejn inqas.

Fl-20 April 2013, il-Falko kellhom ħarġa għal Kemmuna (ara wkoll paġna 9). Waqt li kienu mixjin u jorqmu x-xagħri bit-tromba, seħibna Martin Austad lemaħ għasfur stramb fuq ferla. Kien qisu kaċċamendula ħamra (red-backed shrike) imma dan mhux daharu kellu ħamrani imma denbu! Hawnhekk indunaw li din kienet **kaċċamendula tal-Lvant**, speċi li f'Malta kienet għadha qatt ma dehret.

Il-kaċċamendula tal-Lvant (Isabelline shrike *Lanius isabellinus*) hija għasfur tal-isteppi tas-Siberja u rari tersaq lejn l-artijiet tal-Mediterran. Imma waqt li jpassu ma tistax tgħid fejn jispiċċaw. U kif waħda waslet Kemmuna ġġiegħlek tħokk rasek!


Ħin minnhom raw il-kaċċamendula tiekol mazzarell.

Luca Pisani

Għalhekk sħabna tal-Falko kienu veru b'xortihom li raw dan l-għasfur, u damu xi siegħa jgawduh u isegwuh, u anke ħadulu xi ritratti mill-bogħod. B'xorti tajba wkoll li l-għasfur kien raġel u għalhekk kien iktar faċli li jagħrfuh (in-nisa jixxiebħu immens).

Prosit Falko! X'għajnejn ta' falkuni għandkom!




Victor Falzon

It-total ta' speċi ta' għasafar li dehru Malta issa tela' għal...




Għalkemm hawnhekk nagħtukom l-aħbar tal-għasfur il-ġdid, kull każ ta' speċi ġdida jkun għad iridu jistudjawh l-esperti tal-BirdLife. Jiċċekkjaw ritratti, id-deskrizzjoni, forsi xi filmati, u fl-aħħar jiddeċiedu jaċċettawhx jew le.

# Reġgħu bejtu!

Nick Galea


Tliet flieles imfaqqsin friski, b'wieħed mill-ġenituri għassa magħhom.

Denis Cachia


Il-flieles tal-fras-servjent malajr jitgħallmu jieklu weħidhom.

Il-fras-servjent (black-winged stilt) huwa għasfur tax-xtut veru sabiħ, b'saqajn twal ħomor jimpressjonawk. Sas-sena 2010 dan l-għasfur konna narawh biss għal ftit ġranet fil-passa.

Imma fl-2011 par minnhom bejjet fir-riserva tal-Għadira u rabbew erbat ifrieħ. Kibru u fil-ħarifa passew lejn l-Afrika.




Fl-2012 konna ħerqanin li jerġgħu jbejtu imma xejn ma ġara u bqajna nixxenqu!

U issa fl-2013 qatgħulna x-xewqa, anzi flok par wieħed bejtu TLIET PARI. Minn dawn faqqsu b'kollox seba' flieles veru ħelwin, u bħalissa xalata jiġru mal-ħafna gżejjer żgħar ramlin li hemm fir-riserva. Il-ġenituri b'seba' għajnejn jindukraw lil uliedhom kull minuta, u jkeċċu kull periklu.

Sa ma jaslilkom il-magażin nisperaw li l-frieħ ikunu għadhom ilkoll qawwijin u sħaħ u jitwalu.

# Issa jridu pont!

Kultant jinqala' xi għaref u joħlom li jgħaqqad lil Malta ma' Għawdex. Sentejn ilu kienet **mina** taħt qiegħ il-baħar (ara *Il-Ħuttafa* 102) imma b'xorti tajba l-idea mietet fuq ommha. Issa ħlomna bil-**pont**, idea tal-waħx. Għaliex? Għax pont mhux biss jeqred il-karattru ta' Għawdex bħala gżira, imma jirvina għal dejjem id-dehra sabiħa tal-fliegu bejn il-gżejjer.





# Flus Flok Foresti

L-**Indoneżja** ċediet għall-kilba tal-flus! Wara xi snin jirreżisti, il-gvern t'hemmhekk iddeċieda li jagħti permess lil kumpanija Kanadiża biex teqred medda enormi ta' foresta tropikali fis-Sumatra.

F'dawn il-foresti jgħixu annimali rari bħall-**orangutan**, **rinoċeronti** u **iljunfanti Ażjatiċi**.

Is-siġar isiru karti, fl-art iħaffru minjieri kbar biex ifittxu d-deheb u li jibqa' jħawluha kollha palm mit-tip li jieħdu ż-żejt minnu. Insomma flus, flus u flus! U l-pajjiż jitlef biċċa foresta daqs Malta 40 darba! :(



# L-aħħar eremit

Il-**velleran tal-Marokk** (northern bald ibis *Geronticus eremita*) huwa wieħed mill-iktar għasafar rari tad-dinja. Jinsab biss f'żewġ postijiet fid-dinja: grupp ta' xi 100 par fil-Marokk u grupp ieħor żgħir ħafna li jpassi bejn is-Sirja u l-Etjopja. Sas-sena l-oħra l-vellerani tas-**Sirja** kienu naqsu għal par wieħed biss. Sitwazzjoni tal-biki!

Issa saret iktar tal-biki, għax sirna nafu li dir-rebbiegħa, minn dak il-par ġiet lura biss il-mara! Fi kliem ieħor, il-vellerani tal-lvant ċaw ċaw!



### Kun af

Fl-Amerika ta' Fuq hemm speċi oħra ta' biżont: l-American bison jew buffalo. Dan ukoll sa 100 sena ilu kien inqered għal kollox ħlief merħla żgħira. B'xorti tajba dawn ġew protetti bil-liġi u bil-mod il-merħla kibret naqra u llum hemm ftit eluf. Imma l-miljuni li kienu jeżistu darba spiċċaw għal dejjem.




# Wara 400 sena!

Għall-ewwel darba f'400 sena, il-**biżont** (European bison *Bison bonasus*) reġa' qed jimraħ ħieles fil-foresti tal-Ġermanja. F'April li għadda grupp żgħir ta' tmien biżonti nħelsu ġo foresta kbira fil-Ġermanja.

Dari l-biżont kien mifrux mal-Ewropa kollha imma n-nies qerduh kważi għal kollox. Forsi xi darba dan l-annimal għad jerġa' jsib postu fil-foresti tal-kontinent.




# Tnejn isiru wieħed

Ir-**Renju Unit** għandu 15-il park nazzjonali, li jiġbru fihom l-isbaħ kampanja u natura fil-pajjiż. Tnejn mill-ikbar parks huma l-Lake District u l-Yorkshire Dales, li ma tantx huma bogħod minn xulxin. Issa hemm il-ħsieb li l-art bejn dawn il-parks tiġi wkoll protetta. B'hekk iż-żewġ parks mhux biss jikbru imma jingħaqdu fi speċi ta' park wieħed ta' iktar minn 4500km². Mhux tal-ġenn jew?

Jalla jirnexxu, u jalla pajjiżi oħrajn, fosthom Malta, jikkupjaw ideat sbieħ bħal dawn!




# Kien mitluf u nstab!



Fl-**Iżrael** għadhom kemm reġgħu sabu żrinġ li x-xjenzati kienu ilhom li ħasbuh sparixxa minn wiċċ id-dinja. Dan huwa l-**Hula painted frog** *Latonia nigriventer*, żrinġ sabiħ b'żaqqu sewda ttikkjata bl-abjad. Il-Hula Valley darba kienet kollha bwar mistagħdra u għadajjar, xalata għall-amfibji! Imma l-gvern kien nixxef l-art għall-biedja u ż-żrinġijiet għosfru. Issa reġgħet instabet popolazzjoni żgħira!

Nisperaw li did-darba jieħdu ħsiebu aħjar daż-żrinġ.

# X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

## Zakak tad-Dell **Grey Wagtail** *Motacilla cinerea*

Fost it-tliet speċi ta' zakak li naraw regolari f'pajjiżna, dan hu l-inqas wieħed komuni. Niftiehmu, mhux għasfur rari, imma lanqas mhu se tarah kullimkien. L-isem tiegħu bl-Ingliż (grey wagtail) iqarraq xi ftit bik, għax fil-fatt iz-zakak tad-dell hu għasfur ikkulurit, li fih jispikka l-isfar jgħajjat. Ġeneralment iżomm fil-widien fejn ikun hemm xi nixxiegħa tal-ilma. Tista' tarah ukoll qrib l-irziezet tal-bhejjem u kultant anke qalb il-bini. Jiekol insetti li jnaqqi mill-art u qalb it-tajn.

Qatt ma konna noħolmu li z-zakak tad-dell jista' jbejjet f'Malta, għax il-bejta jibniha qrib in-nixxigħat u x-xmajjar. Imma ftit snin ilu par bejjet f'ħofra kbira mimlija ilma qrib l-Isptar Mater Dei, u minn dakinhar sa llum instab ibejjet fi tliet inħawi ġodda, tnejn minnhom imdawrin bil-bini.

Jalla dan l-għasfur jibqa' jbejjet u jinfirex f'pajjiżna, bħalma qiegħed jagħmel ir-rundun.



Victor Falzon







Ħaffu jekk tridu kopja għax kważi spiċċalna.

It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

# AVVIŻI

## Il-Vampiri

Fis-sajf spiss jiffittana n-nemus biex jisirqilna qatra demm! U kulħadd jispreġja u jindilek biex ma jlaqqatx xi tingiża. Biex tiffrankaw dlik u fittagħni agħmlu biċċa xogħol: **kulu ħafna tewm**! Ir-riħa u t-togħma tat-tewm ma jħobbhiex in-nemus, għalhekk jekk nieklu t-tewm inqas jiffittana. Kos, fil-kotba tal-waħx naqraw li t-tewm huwa mod kif tiddefendi ruħek mill-vampiri. U n-nemus... huwa vampir!








## OK STOP

Jekk għandkom bird table, għalissa tistgħu tieqfu toħorġu ikel għall-għasafar. Dan għaliex bħalissa jsibu ħafna insetti x'jieklu. U l-frieħ tagħhom aħjar jitimgħuhom dudu milli biċċa kejk!

Flok ikel, daż-żmien l-aħjar li tarmalhom skutella bl-ilma ħalli jixorbu minnha u jinħaslu fiha. Tagħmluhiex fonda għax tegħreq fiha xi gremxula!

Biex taqraw dwar xi tkun qed tagħmel il-BirdLife, żuru l-websajt **www.birdlifemalta.org**

BirdLife MALTA

**www.birdinginmalta.com**

Websajt dwar l-għasafar ta' Malta u fuq berdwoċing f'pajjiżna




# Araw x'għandna għal min iġedded!




Ġedded is-sħubija fi Klabb Ħuttaf u tieħu dal-**colouring book!**

40 paġna ta' fjuri u annimali Maltin biex tagħtihom kulur.

L-aħjar tkellem lill-għalliema għax biex tieħu din l-offerta trid iġġedded mill-iskola (ma nistgħux nibagħtuh bil-posta).




# Ċief u Ċafċif

Dakinhar inqassmu l-istiker **I ♥ Klabb Ħuttaf** numru 10.

Bħal kull sena, kif jidħol is-sajf nagħmlu waħda mill-iktar ħarġiet popolari mal-membri u l-familji tagħhom: **il-ħarġa bil-lanċa biex naraw iċ-ċief**. Iċ-ċief huwa tajr tal-baħar li filgħaxija jinġabar fi gruppi fuq il-baħar ftit bogħod mill-art. Aħna ħa nbaħħru ftit lejn l-inħawi ta' Ta' Ċenċ, wieħed mill-postijiet fejn jinġabar iċ-ċief. U hemmhekk, għax-xemx nieżla, għall-kwiet, bejn sema u ilma, għal ftit ħin maġiku... ngħixu ftit magħhom!

Xejn ma ngħidilkom... TITILFUHIEX!



**Data**
Il-Ġimgħa 5 Lulju 2013
**Prezz**
€5 żgħar, €8 kbar
Tibagħtux flus bil-posta ħlas fil-post
**Merħba**
*Membri 5+ u familji
**Iktar dettalji meta tibbukkjaw.**

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi u jibqa' magħhom xi ħadd kbir.

Jekk il-baħar idardarkom, tieklu xejn sa 3 sigħat qabel il-ħarġa.



**Biex tibbukkjaw ċemplu lill-BirdLife fuq 21347644/5 (ħinijiet tax-xogħol). Ċans għandkom sa 2 Lulju 2013 imma aħsbulu għax il-postijiet jinħatfu!**




# Intervista ma' Fjura




**Għaliex jismek Widnet il-Baħar?**
"Widnet" għax għandi weraq qisu widnejn ta' ħmar, u "baħar" għax nikber imxabbta mas-sisien li jħarsu fuq il-baħar.

**Hemm periklu li taqa' għal isfel?**
Ħeħe le! Anzi s-sisien isalvawni.

**Isalvawk minn xhiex?**
Milli jilħquni l-mogħoż biex jikluni u n-nies biex jaqtgħuli l-fjuri.

**Cool! Inti l-fjura nazzjonali hux?**
Iva, u taf għaliex?

**Sorry ta, jien suppost qed nistaqsi! Għidilna inti għaliex.**
Għax jien [1]endemika għal Malta.

**Waww, mela m'għandekx problemi għax inti mħarsa bil-liġi.**
L-inkwiet kbir tiegħi huwa dudu li jħobb jattakkali l-fjuri. U l-fjuri mhumiex jagħmlu żerriegħa.

**U x'jiġri?**
Mingħajr żerriegħa ma jikbrux pjanti ġodda ta' Widnet il-Baħar. U jien u ħuti qed nixjieħu issa...

**Kif nistgħu nsolvu l-problema?**
Għadu ħadd ma sab irkaptu.

**Kemm qed jiddispjaċini! Nispera jsibu rkaptu. Saħħa sieħeb.**
Saħħa lilek ukoll. U grazzi.

[1]**endemika.** Pjanta jew annimal li jinsabu f'post jew pajjiż wieħed, u mkien iktar fid-dinja.




**Qattus**
cat snake




**Serp Iswed**
black whipsnake

# il-Kaxkarin!

Ħafna nies jibżgħu mis-sriep. Min isemmi l-velenu u min isemmi 'l San Pawl; min isemmi x-xitan, u min għax ra xi ħaġa fuq *Animal Planet*. Imma l-fatt huwa dan:

**F'Malta m'għandniex għalfejn nibżgħu mis-sriep għax is-sriep Maltin mhumiex perikolużi għalina.**

F'pajjiżna għandna erba' speċi ta' sriep u f'dil-paġna taraw ritratti tagħhom kollha. Minn dawn, jista' jkun li s-serp iswed biss huwa verament [1]indiġenu. It-tlieta l-oħrajn probabbli waslu Malta bi żball fuq xi vapur ma' xi merkanzija.




**Lifgħa**
leopard snake




**Serp Aħdar**
Algerian whipsnake

Is-sriep Maltin huma kollha żgħar u rqaq. L-ikbar wieħed huwa s-serp iswed li jitwal sa xi metru. Jieklu annimali żgħar bħal ġrieden, firien, gremxul u anke xi frieħ jew bajd tal-għasafar. L-annimal joqtluh billi jitgerbu miegħu u jissikkawh sakemm jaqta' nifsu. Is-sriep jagħmlu dan mhux għax huma kattivi imma għax bħali u bħalek iridu jieklu. U l-ikel ma jixtruhx mis-supermarket!

Is-sriep huma rettili interessanti u għandhom sensi li aħna m'għandniex. Bħala [2]predaturi huma parti importanti min-natura u jixirqilhom ir-rispett tagħna.

Bħar-rettili Maltin kollha, is-sriep ta' Malta huma mħarsin bil-liġi u la jistgħu jinqatlu u lanqas jinqabdu.

[1]**indiġenu.** Minn dejjem kien jgħix hawnhekk.
[2]**predatur.** Annimal li jiekol annimali oħra.

## Agħti kulur

# Bużbieża u spallut irrigat



Victor Falzon





Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħalli nġibuhomlkom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom! Tistgħu tibagħtuhom bil-posta* jew imejl.

**indirizz**
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
**imejl**
**il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.



Attenti ĦAFNA jekk issibu bejtiet tal-għasafar. Jekk tgerrxu l-ġenituri, dawn jistgħu jabbandunaw il-bejta u l-frieħ imutu bil-ġuħ.

U bilħaqq, huwa kontra l-liġi li tfixkel għasfur li qed ibejjet.

**Nicole Azzopardi**, membru mill-Mosta, bagħtitilna dar-ritratt ta' bejta b'erba' frieħ ta' **bufula sewda**. Il-buful bejtu fi pjanta tal-fikus li għandhom f'qasrija ħdejn il-bieb ta' barra tagħhom. Kif taraw, m'hemmx għalfejn ikollok ġnien daqs bosk biex ibejtulek l-għasafar. Anke tikka ħdura tagħmel differenza. Prosit Nicole u grazzi tar-ritratt.



## ARTITASKYA



Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (17)

**Kokka tax-Xagħri**



Aktar fuq il-kaċċamendula f'paġna 3.



Il-**Falko** hija t-taqsima għaż-żgħażagħ ta' Klabb Ħuttaf. Membri ta' 13-il sena jew iktar huma awtomatikament membri fil-Falko. Għal dawn, il-Falko torganizza attivitajiet apposta, li jitħabbru f'din il-paġna.

FALKO

# Ħbieb Falkuni!

X'sorpriża tal-ġenn kellna waqt il-ħarġa ta' Kemmuna! Aħna u mexjin trankwilli wara nofsinhar, Martin lemaħ kaċċamendula stramba li meta ċċekkjajnieha sew sibna li kienet **kaċċemendula tal-Ivant** - għasfur li qatt ma kien deher Malta qabel! B'hekk żidna speċi mal-lista ta' Malta, u ovvjament mal-lista personali tagħna ukoll.

Aħna l-berdwoċers kollha nżommu ċeklist tal-ispeċi tal-għasafar kollha li nkunu rajna Malta. Naturalment aktar ma tara għasafar aktar isir diffiċli li tara oħrajn ġodda, però kull sena nżidu xi wieħed jew tnejn.

Apparti ċ-ċeklist ta' Malta, inżommu wkoll lista tal-għasafar li nkunu rajna f'sena partikolari. Per eżempju s-sena l-oħra jien irnexxieli nara 178 speċi differenti f'Malta. Aħna l-leaders tal-Falko naraw min bejnietna jirnexxilu jara l-aktar speċi fis-sena. S'intendi l-berdwoċing mhux kompetizzjoni fejn jekk naraw għasfur rari nżommuh sigriet biex ma jarawhx l-oħrajn. Anzi bil-maqlub, għax kultant naħlu kard sħiħa nċemplu 'l xulxin biex kulħadd jirnexxilu jarah!

Inħeġġiġkom tibdew ċeklist tagħkom ħalli żżommu rekord tal-għasafar kollha li taraw. Tgħidx kemm tħossukom sodisfatti meta taraw il-lista tiżdied ftit ftit.

Madankollu, important li napprezzaw l-għasafar kollha u ma nfittxux dejjem il-ġdid biss! Fil-fatt fil-ħarġa tal-Falko li jmiss sejrin apposta għal għasfur partikolari, li għalkemm naraw ħafna minnu kull sena, dejjem jibqa' jsaħħarna bil-ħsejjes strambi li jagħmel bil-lejl!




Nick

**Nick Galea**
Leader

## Is-Sigriet tas-Sisien

**F'Lulju ħa mmorru niskopru s-sigriet tal-irdumijiet Maltin: iċ-ĊIEF! Dawn l-għasafar jidħlu fil-bejtiet tagħhom bil-lejl u huma u deħlin jgħajtu lil xulxin. Għajta tassew stramba li żgur timpressjonakom! Biex nisimgħuhom ħa morru fl-inħawi tal-Imtaħleb u noqogħdu hemm sa xi siegħa wara li tinżel ix-xemx. Wara forsi nagħmlu night hike! Titilfux din l-esperjenza tal-ġenn.**



Iċ-ċiefa tidħol lejn il-bejta bil-lejl, ħalli ħadd ma jaraha.

John J Borg

Data **il-Ħamis 11 Lulju 2013**
Niltaqgħu filgħaxija (ibagħtulna imejl għal iktar dettalji)
Ġibu Ikel, xorb, żarbun tal-mixi, tromba (jekk għandkom), dlik kontra n-nemus, torċ
Età **13+**

# Rapporti



Il-membri waqt il-ħarġa f'Kemmuna

## Ħarġa għal Kemmuna

Alvin Farrugia

Is-Sibt 20 April mort Kemmuna ma' tal-Falko u tgħidx kemm ħadna gost. Kienet l-ewwel darba li mort fuq din il-gżira tant sabiħa għan-natura. Rajt diversi għasafar, bħal **bgħadan ħomor** jikkaċċjaw fil-baxx fuq ix-xagħri, u tliet **tajriet sofor** itiru qalb is-siġar. Jien għidt lill-oħrajn bihom u gawdejna l-ġmiel ta' dawn l-għasafar meta qagħdu fil-frieghi. Ħadt ukoll gost ħafna bil-**kaċċamendula tal-Ivant**, għasfur rari immens. Mil-lanċa lura lejn Malta rajna qatgħa ta' iktar minn 30 **agrett abjad**. Laqatni wkoll il-kulur ikħal ċar tal-Blue Lagoon. Attività li ma ninsa qatt, iġri tasal li jmiss!



Il-membri waqt il-ħarġa f'Ta' Ċenċ

## Ħarġa għal Għawdex

Martin Austad

Fid-19 Mejju morna s'Għawdex u għalkemm kien ftit riħ mhux ħażin ħadna gost bil-mixja fix-xagħri ta' Ta' Ċenċ mimli fjuri, friefet u għasafar. L-għanja mżewqa tal-**bilbla** kienet tinstema' kullimkien, u għaddew ukoll ħafna **rundun**. Is-**sagħtar** kien beda bil-fjuri vjola, li apparti li joħolqu xena mill-isbaħ kienu wkoll mimlijin **naħal** u insetti oħrajn. Il-pjanti mhux għall-insetti biss importanti imma jagħtu wkoll kenn lill-għasafar: fil-fatt f'sagħtra minnhom sibna bejta ta' **bufula ħamra**.

**Għandna wkoll maħsuba attività L-Għadira. Data 28 Awwissu 2013. Għal aktar dettalji ibagħtulna imejl.**



Jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko dejjem ibgħat email lil **falkoblm@gmail.com** jew ċempel **99214143 / 99809190**.



Aron Tanti

Elisabeth Conrad

# Il-baħar madwar Għajn Tuffieħa

## Fejn hi?



Ir-roqgħa baħar protetta tinkludi r-Ramla tal-Mixquqa, ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa, Il-Bajja tal-Ġnejna u l-Bajja ta' Fomm ir-Riħ.

**Issa li beda ftit ftit dieħel is-Sajf, nibdew inqattgħu iktar ħin f'xatt il-baħar. Għalhekk f'dil-ħarġa se nħarsu lejn sit Natura 2000... fil-baħar!**

## Post speċjali

Fil-baħar ta' madwar Għajn Tuffieħa twaqqfet fl-2005 l-ewwel *Marine Protected Area* fil-Gżejjer Maltin. L-area protetta testendi minn Rdum Majjiesa sa Ras ir-Raħeb, u f'diż-żona nsibu varjetà ġmielha ta' [1]ġeomorfoloġija. Forsi kultant nimmaġinaw li l-qiegħ tal-baħar huwa kollu ċatt. Imma fil-fatt mhux hekk, għax bħalma fuq l-art insibu għoljiet, irdumijiet, widien, eċċ, l-istess insibu fil-baħar. Kieku kellna nħarsu mill-viċin lejn il-qiegħ tal-baħar f'din iż-żona, naraw meded ta' ramel, postijiet bil-blat u ċnagan kbar. Hemm inħawi bl-irdum, uħud weqfin u oħrajn imżerżqin, u hemm anke xi għerien.

## Ħafna ambjenti

Dawn joħolqu ambjenti differenti, fejn jgħixu speċi differenti ta' pjanti u annimali. Fil-baħar ta' madwar Għajn Tuffieħa fil-fatt insibu eżempji tajbin ta' diversi mill-ambjenti ewlenin tal-ibħra Maltin. Fost l-iktar importanti huma l-meded ta' alka bħall-**posidonja** (*Posidonia oceanica*) u ċ-**ċimodoċja** (*Cymodocea nodosa*). Il-posidonja hija [2]endemika għall-Mediterran. Tipprovdi ħabitat importanti għal ħafna ħut (u l-frieħ tagħhom) u organiżmi oħrajn. Barra minn hekk, din il-pjanta tipproteġi x-xtut milli jitmermru bil-mewġ tal-baħar. U bħal pjanti oħrajn tnaqqas id-[3]dijossidu tal-karbonju mill-atmosfera u mill-baħar (l-istess kif jagħmlu l-foresti fuq l-art).




Sfortunatament il-posidonja tikber bil-mod ħafna. Għalhekk jekk issir ħsara f'dan l-ambjent iddum ħafna biex jirkupra. Fost il-ħsarat li jsiru spiss fil-mergħat tal-posidonja huwa t-tkaxkir tal-ankri tad-dgħajjes mal-qiegħ. Għalhekk huwa daqshekk importanti li dawn iż-żoni fil-baħar ikunu protetti.

## Mimli ħajja

Hawnhekk m'għandniex spazju biżżejjed biex nitkellmu fuq l-ispeċi kollha li nsibu f'dan is-sit Natura 2000, imma nsemmu biss żewġ eżempji oħra. Iż-**żwiemel il-baħar** huma ħut b'dehra stramba. Apparti li jidhru differenti, iż-żwiemel il-baħar iġibu ruħhom b'mod partikolari. Tul ħajjithom jagħżlu


Mark Anthony Falzon

Il-**dott tat-tebgħa safra** *Epinephelus costae* huwa waħda mill-ħut li jinsabu f'dan is-sit Natura 2000. Ma tantx hu komuni, u dawk l-istrixxi fil-li jidhru u fil-li jisparixxihom!




Dehra mill-ajru ta' parti mis-Sit Natura 2000 ta' Għajn Tuffieħa. Il-baħar kollu li jidher fir-ritratt huwa protett.




Mappa tal-post b'xi ambjenti li hemm f'qiegħ il-baħar




In-**nakkra tal-ħarira** (fan mussell *Pinna nobilis*) tgħix kważi midfuna għal kollox fit-tajn tal-qiegħ.

biss raġel/mara waħda, u huma fost il-ftit speċi fejn iż-żgħar jinġarru mhux mill-mara imma mir-raġel! Speċi oħra interessanti hija n-**nakkra tal-ħarira**. Din hija [4]mollusk endemiku għall-Mediterran, u l-qoxra tagħha tista' tikber sa 120ċm. Fil-fatt hija waħda mill-ikbar *shellfish* fid-dinja.




[1]**ġeomorfoloġija.** Il-forom fil-blat u l-istudju tagħhom.
[2]**endemika.** Pjanta jew annimal li jgħixu f'post jew pajjiż partikolari u mkien iktar.
[3]**dijossidu tal-karbonju.** Carbon dioxide (nafuh aħjar bħala $CO_2$), gass fl-arja li jekk jibqa' jżid jista' jsaħħan il-klima.
[4]**mollusk.** Grupp ta' annimali bla sinsla, li jinkludi bebbux, arzell, qarnit u klamari.




Għalkemm ngħidulha **alka**, il-**posidonja** *Posidonia oceanica* mhi alga xejn imma pjanta li tagħmel il-fjuri.




Il-**qroll tad-dell** *Astroides calycularis* jifforma bħal ċapep oranġjo u jikber ma' blat wieqaf u anke f'għerien.



Iż-żwiemel il-baħar *Hippocampus sp.* jgħixu qalb l-alka u ħaxix tal-baħar. Mhux faċli tarahom għax żgħar.



# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Tingħata karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont tiegħek. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta